

UE-AC 1952/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0202(NLE)**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-AMERIKA ĊENTRALI dwar l-emenda għall-Anness XVIII ("Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti") tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra

ABBOZZ

**ABBOZZ TAD-DEĊIŻJONI Numru [...] /2022 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI
UE-AMERIKA ĊENTRALI**

ta'...

**dwar l-emenda għall-Anness XVIII ("Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti") tal-Ftehim li
jistabbilixxi l-Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa
waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-AMERIKA ĊENTRALI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri
tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari
l-Artikolu 247 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim li jistabbilixxi l-Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim")¹ ġie applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Awwissu 2013 fir-rigward tal-Honduras, tan-Nikaragwa u tal-Panama, mill-1 ta' Ottubru 2013 fir-rigward tal-Costa Rica u ta' El Salvador, u mill-1 ta' Diċembru 2013 fir-rigward tal-Gwatemala.
- (2) L-Artikolu 247 tal-Ftehim jipprevedi l-possibbiltà li jiżdiedu indikazzjonijiet ġeografiċi ġodda fl-Anness XVIII ("Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti") tal-Ftehim wara li titlesta l-proċedura ta' oġġezzjoni u wara li l-indikazzjonijiet ġeografiċi jkunu ġew eżaminati b'suċċess mill-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali kompetenti f'konformità mar-regoli u l-proċeduri rilevanti għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.
- (3) Fit-2 ta' Lulju 2020, il-Costa Rica ppreżentat lill-Unjoni t-talba tagħha biex tiżdied indikazzjoni ġeografika ġdida fl-Anness XVIII (Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti) tal-Ftehim skont l-Artikolu 247 tal-Ftehim. L-Unjoni lestiet il-proċedura ta' oġġezzjoni, ippubblikata fis-6 ta' Diċembru 2021², u eżaminat l-indikazzjoni ġeografika l-ġdida tal-Costa Rica.
- (4) Fis-7 ta' Ġunju 2021, El Salvador ressaq quddiem l-Unjoni t-talba tiegħu biex jiżdiedu għaxar indikazzjonijiet ġeografiċi ġodda fl-Anness XVIII (Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti) tal-Ftehim skont l-Artikolu 247 tal-Ftehim. L-Unjoni lestiet il-proċedura ta' oġġezzjoni, ippubblikata fit-28 ta' Diċembru 2021³, u eżaminat l-indikazzjonijiet ġeografiċi ġodda ta' El Salvador.
- (5) Fit-13 ta' Ġunju 2022, skont l-Artikolu 274(2) tal-Ftehim, is-Sottokumitat dwar il-Proprietà Intellettuali, fl-aqgħa konġunta bejn l-UE u l-partijiet tal-Amerika Ċentrali, ikkonkluda, wara valutazzjoni minn qabel tal-informazzjoni pprovduta fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi l-ġodda tal-Costa Rica u ta' El Salvador, li jirrakkomanda lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni biex jimmodifika l-Anness XVIII tal-Ftehim skont dan.
- (6) Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu s-setgħa li jieħu d-deċiżjoni bi ftehim reċiproku f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu.
- (7) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness XVIII tal-Ftehim jiġi modifikat kif deskritt f'din id-deċiżjoni,

¹ ĠU L 346, 15.12.2012, p. 3.

² AVVIŻ TA' INFORMAZZJONI – KONSULTAZZJONI PUBBLIKA Indikazzjonijiet Ġeografiċi mill-Costa Rica li għandhom jiġu protetti bħala Indikazzjonijiet Ġeografiċi fl-Unjoni Ewropea (ĠU C 489, 6.12.2021, p. 10).

³ AVVIŻ TA' INFORMAZZJONI – KONSULTAZZJONI PUBBLIKA Indikazzjonijiet Ġeografiċi minn El Salvador li għandhom jiġu protetti bħala Indikazzjonijiet Ġeografiċi fl-Unjoni Ewropea (ĠU C 522, 28.12.2021, p. 20) u Rettifika għall-AVVIŻ TA' INFORMAZZJONI – KONSULTAZZJONI PUBBLIKA – Indikazzjonijiet Ġeografiċi minn El Salvador li għandhom jiġu protetti bħala Indikazzjonijiet Ġeografiċi fl-Unjoni Ewropea (ĠU C 30, 20.1.2022, p. 2).

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-entrati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni jiżdiedu mat-tabella fil-Parti B tal-Anness XVIII "Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti" tal-Ftehim, kif stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 5/2014 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Amerika Ċentrali⁴.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni, magħmula f'żewġ kopji, għandha tiġi ffirmata mir-rappreżentanti tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Amerika Ċentrali li huma awtorizzati jaġixxu f'isem il-Partijiet għall-finijiet tal-modifika tal-Ftehim.

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva mill-jum li fiha tkun saret l-aħħar waħda minn dawn il-firem.

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

Għall-Parti tal-UE

Għall-Parti tal-Amerika Ċentrali,

⁴ Id-Deċiżjoni Nru 5/2014 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Amerika Ċentrali tas-7 ta' Novembru 2014 dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi li għandhom jiġu inklużi fl-Anness XVIII tal-Ftehim (ĠU L 196, 24.7.2015, p. 59).

ANNEX

Pajjiż	Isem	Prodotti
Il-Costa Rica	Tarrazú	Kafè
El Salvador	Café Alotepec	Kafè
El Salvador	Café Bálsamo Quezaltepec	Kafè
El Salvador	Café Cacahuatique	Kafè
El Salvador	Café Chichontepec	Kafè
El Salvador	Café Tecapa Chinameca	Kafè
El Salvador	Camarón Bahía de Jiquilisco	Gambli
El Salvador	Chaparro	Xorb spirituż distillat b'bażi ta' qmuħ
El Salvador	Jocote Barón Rojo San Lorenzo	Frott frisk
El Salvador	Loroco San Lorenzo	Ħaxix frisk
El Salvador	Pupusa de Arroz de Olocuilta	Ħobż ċatt tond u oħxon (tortilla) magħmul mir-ross